Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Marzu 2022
(OR. en)

7231/1/22
REV 1
PV CONS 15
ECOFIN 230

**ABBOZZ TA' MINUTI**

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji)

15 ta' Marzu 2022

## WERREJ

**Paġna**

1. Adozzjoni tal-aġenda ..... 3

2. Approvazzjoni tal-punti "A"
Lista ta' attivitajiet mhux leġiżlattivi ..... 3

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

3. Komunikazzjoni dwar gwida għall-politika fiskali għall-2023, inkluż is-sitwazzjoni attwali dwar ir-rieżami tal-governanza ekonomika ..... 3

4. Segwitu għal-laqgħa informali tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-10 u l-11 ta' Marzu 2022 .. 3

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**

5. Direttiva dwar l-istabbiliment ta' livell globali minimu ta' tassazzjoni għall-gruppi multinazzjonali fl-Unjoni ..... 4

6. Regolament li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri ..... 4

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

7. Baġit tal-UE: Rakkomandazzjoni dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni firrigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għall-2020 ..... 4

8. Baġit tal-UE: Konklużjonijiet dwar il-linji gwida baġitarji għall-2023 ..... 4

ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill ..... 5

***

**1. Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 6928/22.

**2. Approvazzjoni tal-punti "A"** 6930/22
**Lista ta' attivitajiet mhux leġiżlattivi**

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 6930/22 inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

Għall-punti li ġejjin, id-dokumenti għandhom jaqraw kif ġej:

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-korpi stabbiliti taħt it-TFUE u t-Trattat Euratom fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020<br>*Adozzjoni*<br>approvat mill-COREPER, Parti 2, fit-23 ta' Frar 2022 | | 6003/22<br>**+ COR 1 (mt)**<br>+ ADD 1<br>+ ADD 1 COR 1<br>REV 1<br>FIN |
| 4. | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-aġġornament taċ-ċertifikat tal-eżenzjoni mill-VAT u/jew mid-dazju tas-sisa<br>*Adozzjoni*<br>approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-2 ta' Marzu 2022 | C | 6454/22 + COR 1<br>+ ADD 1 REV 1<br>6066/22<br>**+ REV 1 (fi)**<br>FISC |
| 10. | Deċiżjoni li taħtar il-membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-OLAF<br>*Adozzjoni*<br>approvat mill-Coreper, Parti 2, fid-9 ta' Marzu 2022 | | 6502/22<br>**+ COR 1 (pl)**<br>6503/22<br>GAF |

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

| | | |
|---|---|---|
| 3. | Komunikazzjoni dwar il-politika fiskali għall-2023, inkluż is-sitwazzjoni attwali dwar ir-rieżami tal-governanza ekonomika<br>*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni*<br>*Skambju ta' fehmiet* | 6778/22 |
| 4. | Segwitu għal-laqgħa informali tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-10 u l-11 ta' Marzu 2022<br>*Informazzjoni mill-Presidenza* | |

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**
**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **5.** | **Direttiva dwar l-istabbiliment ta' livell globali minimu ta' tassazzjoni għall-gruppi multinazzjonali fl-Unjoni**<br>*Approċċ ġenerali* | S C | 6976/22<br>6975/22 |

Il-Kunsill iddiskuta t-test ta' kompromess (id-dokument 6975/22). Ma setax jintlaħaq qbil dwar approċċ ġenerali. PL, EE u MT żammew ir-riżervi tagħhom u SE żammet riżerva ta' skrutinju parlamentari. Intlaħaq qbil li dan id-dossier jiġi inkluż fl-aġenda tal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) li ser issir fil-5 ta' April 2022.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **6.** | **Regolament li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri**<br>*Approċċ ġenerali* | ❶ C | 6978/22<br>7044/22 |

Il-Kunsill laħaq qbil dwar l-approċċ ġenerali. It-test ta' kompromess wara d-diskussjonijiet fil-Kunsill jinsab fid-dokument 7226/22. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-Anness għad-dokument 6978/22 u kkonferma li jeħtieġ li jkun sar biżżejjed progress fil-ħidma fuq l-elementi mniżżlin fil-punt 1 ta' dak l-Anness qabel ma jkunu jistgħu jibdew in-negozjati mal-Parlament Ewropew.

Id-dikjarazzjonijiet mid-delegazzjonijiet MT u CY, minn PL u minn PT jinsabu fl-Anness.

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

| | | |
|---|---|---|
| 7. | Baġit tal-UE: Rakkomandazzjoni dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għall-2020<br>*Adozzjoni* | 6001/1/22 REV 1<br>+ 6001/22 ADD 1 |
| 8. | Baġit tal-UE: Konklużjonijiet dwar il-linji gwida baġitarji għall-2023<br>*Approvazzjoni* | 6000/22 + ADD 1 |

---

❶ L-ewwel qari

S Proċedura leġislattiva speċjali

C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

**Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 6928/22**

**Dwar il-punt "B" Nru 6:** **Regolament li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri**
*Approċċ ġenerali*

**DIKJARAZZJONI MINN MALTA U ĊIPRU**

"Malta u Ċipru jemmnu li din il-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri hija pass imprezzabbli 'l quddiem biex l-UE tilħaq l-għan tagħha li jkollha ekonomija newtrali għall-klima sal-2050. Il-Proposta turi l-impenn serju tal-UE li twettaq bidla fundamentali fir-rwol li l-Istati Membri, u l-Unjoni kollha kemm hi, jagħtu lill-ekonomija tal-oġġetti u tal-konsum fi ħdan il-kalkolu tat-Tibdil fil-Klima.

Malta u Ċipru jifhmu li l-Proposta u, tabilħaqq, il-pakkett kollu "Lesti għall-mira ta' 55 %", ser jaffettwaw l-ekonomiji u l-industriji tal-Istati Membri tal-UE b'mod differenti. Għaldaqstant, Malta u Ċipru jappellaw lill-koleġiżlaturi, flimkien mal-Kummissjoni, biex jiżguraw li l-piżijiet jinġarru b'mod proporzjonat, filwaqt li jżommu f'moħħhom li l-periferiċità u n-nuqqas ta' ekonomiji ta' skala ser jaggravaw l-impatt għall-Istati Membri gżejjer bħal Malta u Ċipru.

Malta u Ċipru jifhmu li l-Premessa 52 tal-Proposta ser tiżgura li l-obbligi ta' rappurtar tal-Kummissjoni fl-Artikolu 30(4), kif ukoll kwalunkwe rieżami futur ieħor tal-bidliet fil-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri, ser jagħtu attenzjoni speċjali lill-effetti tal-mekkaniżmu fuq l-Istati Membri individwali, u lill-integrità u l-kompetittività fis-suq intern."

**DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA**

"Il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri, CBAM, huwa wieħed mill-elementi ewlenin tal-Pakkett "lesti għall-mira ta' 55%". Mill-bidu nett, il-Polonja qieset u għadha tqis is-CBAM bħala strument importanti ħafna biex jiżdiedu l-ambizzjonijiet ta' tnaqqis barra mill-UE, u naraw il-ħtieġa li jiġi introdott dan il-mekkaniżmu.

Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li s-CBAM jista' jkollu impatt fuq il-kompetittività tal-industrija Ewropea, jekk is-sħab kummerċjali tagħna ma jimplimentawx politiki ambizzjużi daqs l-UE.

F'dan il-kuntest, waħda mill-aktar kwistjonijiet sensittivi hija l-idea stess li l-allokazzjoni bla ħlas fi ħdan l-EU ETS tiġi sostitwita mis-CBAM u din il-kwistjoni jeħtieġ li tissolva bħala parti mid-diskussjoni li għaddejja dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-EU ETS.

Il-Polonja tapprezza l-isforzi li saru mill-Presidenza Franċiża tal-Kunsill biex tagħmel progress fil-ħidma fuq l-abbozz ta' proposta dwar is-CBAM. Madankollu, sakemm tissolva l-kwistjoni tal-kwoti tal-emissjonijiet bla ħlas għas-setturi koperti mis-CBAM, ma nistgħux naqblu li nadottaw approċċ ġenerali għall-abbozz ta' regolament dwar is-CBAM.

Nixtiequ nenfasizzaw li s-CBAM huwa parti mill-Pakkett "lesti għall-mira ta' 55%" u l-progress tal-ħidma fuq il-komponenti individwali tiegħu għandu jkun komparabbli. Ma nistgħux inħarsu lejn din is-soluzzjoni mill-perspettiva ta’ għodda waħda biss, iżda mill-perspettiva tar-riforma sħiħa tal-ETS tal-UE u tal-Pakkett "lesti għall-mira ta’ 55 %". Il-forma finali tas-CBAM ser tiddependi mir-riżultati tad-diskussjonijiet li għaddejjin. Għaldaqstant, għandha titwettaq aktar ħidma fuq il-proġett wara l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill tal-UE dwar ir-reviżjoni tal-ETS.

Nittamaw li ssir aktar ħidma fuq il-pakkett kollu u fuq is-CBAM innifsu b’tali mod li jippermettilna nappoġġaw l-eżitu finali, għaliex fil-prinċipju nemmnu li s-CBAM huwa importanti ħafna għall-industrija Ewropea u ser jiżgura l-effettività tal-politika tagħna għat-tnaqqis tal-emissjonijiet barra mill-UE."

## DIKJARAZZJONI MILL-PORTUGALL

"Il-Portugall jappoġġa l-għanijiet klimatiċi tal-UE f’konformità mal-Liġi dwar il-Klima u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika għall-2050. Il-Mekkaniżmu ta’ Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri, bħala strument kompatibbli mad-WTO biex jiġi indirizzat ir-riskju ta’ rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju kkawżata minn politiki klimatiċi asimmetriċi ta’ pajjiżi mhux tal-UE, huwa element ewlieni fil-Pakkett "lesti għall-Mira ta’ 55 %".

Il-Portugall jenfasizza l-punti nnotati fl-anness għan-Nota 6978/22 tat-12 ta’ Marzu 2022.

Il-Portugall jifhem li l-lingwaġġ fil-Premessa 52 tal-Proposta dwar "li jitqiesu l-karatteristiċi speċjali u r-restrizzjonijiet tar-reġjuni ultraperiferiċi" huwa kwotazzjoni diretta tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Fil-kuntest tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi mekkaniżmu ta’ aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri, dan ser japplika għar-reġjuni ultraperiferiċi li huma parti mit-territorju doganali tal-Unjoni.

L-Artikolu 349 TFUE jiddikjara li "Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu jikkonċernaw b'mod partikolari oqsma bħalma huma l-politika doganali u tal-kummerċ, il-politika fiskali, iż-żoni liberi, il-politika dwar l-agrikoltura u s-sajd, il-kondizzjonijiet għall-fornitura ta’ materja prima u oġġetti essenzjali għall-konsumatur, l-għajnuniet tal-Istat u l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-fondi strutturali u għal programmi orizzontali tal-Unjoni. Il-Kunsill għandu jadotta l-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu billi jieħu kont tal-karatteristiċi speċjali u r-restrizzjonijiet tar-reġjuni ultraperiferiċi mingħajr ma jnaqqas l-integrità u l-koerenza tal-ordni legali tal-Unjoni, inklużi s-suq intern u l-politika komuni."

Għalhekk, il-Portugall jifhem ukoll li l-Kummissjoni ser tiżgura obbligi ta’ rappurtar kif previsti mill-Artikolu 30 kollu kemm hu tal-Proposta għal Regolament imsemmija.

Bħala konklużjoni, il-Portugall jappella lill-koleġiżlaturi, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, biex jintroduċu referenza espliċita għall-Artikolu 349 TFUE f’dan ir-Regolament, peress li hija prattika komuni f’Regolamenti rilevanti oħrajn. Dan huwa mingħajr preġudizzju għar-rikonoxximent meħtieġ, fir-Regolament, ta’ sitwazzjonijiet oħrajn fejn il-piż ekonomiku jista’ jkun sproporzjonat u tal-valutazzjonijiet tal-impatt kollha meħtieġa kif iddikjarat fil-verżjoni tal-Proposta kif ippreżentata lill-Kunsill ECOFIN".